MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2010

Numru 1168/2008

Il-Pulizija
(Spettur Edmond Cuschieri)

vs

Jesmond Micallef

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identità numru 319666M, akkuzat talli:

1. Nhar is-27 ta’ Lulju 2008 ghal habta tas-07:30 p.m. fil-Mosta volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè’ Coach bin-numru ta’ registrazzjoni JCY905, liema hsara ma tiskorrix l-1164.69 Ewros, imma hija izjed minn 116.47 Ewros u dan ghad-dannu ta’ Leone Grech.

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja u jew hedded lil Paul Abela bil-kliem.
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kwiet u l-paci pubbliku b'ghajjat, storbju u jew b'kwalunkwe mod iehor.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba sabiex tahseb ghas-sigurta' tal-vittma u cioè Paul Abela u dan billi jqieghed lil hati taht garanzija billi tapplika Artikolu 383 tal-Kap 9. Mitluba wkoll li bhala parti mill-piena tordna lill-hati sabiex jaghmel tajjeb ghall-hsara mwettqa.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Illi fl-udjenza tal-lum l-imputat irregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Intant, l-akkuzi jittrattaw il-hsara volontarja, l-ingurja u t-theddid u li kiser il-kwiet u l-paci pubblika;

Fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat biss qeghdha ssibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Wara li kkonsidrat l-istqarrija tieghu u l-Artikolu 325(b), 339(e) u 338(dd) tal-Kap 9 tiddeciedi li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah ghal sena mill-lum oltre li fl-istess perjodu jhallas lill-parti leza ossija lill-Paramout Garage s-somma ta' €170.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------